VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,037, 10 ta' Awwissu, 2018
Taqsima B

A.L. 266 tal-2018

ATT DWAR IL-PROMOZZJONI TA' STILI TA' ĦAJJA SANA U KURA TA' MARD LI MA JITTEĦIDX (KAP. 550)

Regolamenti tal-2018 dwar il-Provvista tal-Ikel fl-Iskejjel

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 6 tal-Att dwar il-Promozzjoni ta' Stili ta' Ħajja Sana u Kura ta' Mard li ma Jitteħidx, il-Ministru responsabbli għas-Saħħa bi qbil mal-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, wara konsultazzjoni mal-Kunsill Konsultattiv dwar Stili ta' Ħajja Sana, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2018 dwar il-Provvista tal-Ikel fl-Iskejjel.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

Kap. 550.

"Att" tfisser l-Att dwar il-Promozzjoni ta' Stili ta' Ħajja Sana u Kura ta' Mard li ma Jitteħidx;

Kap. 449.

"ikel" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel;

L.S. 449.57.

"ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar Ilma Maħsub għall-Konsum mill-Bniedem;

"Kunsill Konsultattiv" tfisser il-Kunsill Konsultattiv dwar Stili ta' Ħajja Sana stabbilit bl-artikolu 4 tal-Att;

Kap. 327.

"skola" għadu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-Att dwar l-Edukazzjoni.

Ikel mibjugħ jew provdut mill-iskejjel.

3. (1) Fl-iskejjel, l-uniku ikel li jista' jiġi offrut għall-bejgħ, jinbiegħ jew b'xi mod jiġi offrut mill-amministrazzjoni tal-iskejjel, huwa dak li jissodisfa r-rekwiżiti kif deskritti fil-kriterji maħruġa mill-Kunsill Konsultattiv.

(2) L-iskejjel:

(a) għandhom jimplimentaw programm għall-promozzjoni tal-konsum ta' ikel li huwa tajjeb għas-saħħa, li għandu jiġi stabbilit skont il-kriterji maħruġa mill-Kunsill Konsultattiv;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) ma għandhom jippermettu l-ebda reklamar ta', jew jaċċettaw sponsorizzazzjonijiet minn prodotti tal-ikel li mhumiex permessi skont il-kriterji maħruġa mill-Kunsill Konsultattiv.

Tpoġġija tal-ilma għad-dispożizzjoni.

4. L-iskejjel għandhom jiżguraw li jpoġġu għad-dispożizzjoni ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem.

Ksur tar-regolamenti.

5. (1) Meta s-Supretendent tas-Saħħa Pubblika jkollu tassew għaliex jaħseb li persuna tkun ikkommettiet reat kontra dawn ir-Regolamenti, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jista' jagħti lil dik il-persuna avviż bil-miktub fejn tiddeskrivi r-reat lil dik il-persuna li tkun qiegħda tiġi akkużata u tindika l-passi li għandhom jittieħdu sabiex jiġi rimedjat dak ir-reat u għandhom jitħallsu penali amministrattivi ta' mitt euro (€100) fi żmien ħmistax-il jum mid-data tal-avviż:

Iżda s-Supretendent tas-Saħħa Pubblika jista' joħroġ avviż ta' twissija minflok il-multa amministrattiva, u dan skont kif provdut fl-artikolu 12 tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika.

Kap. 465.

Ksur repetittiv.

(2) F'każ li persuna tikkommetti reat kontra dawn ir-regolamenti għat-tieni darba u kull darba oħra sussegwenti, il-penali jistgħu jiżdiedu għal mhux aktar minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500).

Proċedimenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

(3) F'każ li persuna tikkommetti reat kontra dawn ir-regolamenti għat-tieni darba u kull darba oħra sussegwenti, jew ma titħallasx il-multa amministrattiva fiż-żmien stipulat, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għandu l-jedd li jistitwixxi proċedimenti kontra persuna għal ksur ta' dawn ir-regolamenti kif provdut permezz tal-artikolu 9 tal-Att:

Kap. 9.

Iżda, minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 376(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, il-qorti għandha, fuq talba tal-prosekuzzjoni jew tal-akkużat, tniżżel ix-xhieda mogħtija bil-mod provdut jew fl-artikolu 390(6) tal-imsemmi Kodiċi jew f'xi liġi oħra.

Kopji ċertifikati ta' ċerti dokumenti

(4) F'kull proċediment jew prosekuzzjoni skont l-Att, jew dawn ir-regolamenti, kopja ta' kull ordni, avviż, deċiżjoni jew dokument ieħor li juri li jkun sar skont l-Att jew dawn ir-regolamenti, u li juri li jkun ġie ffirmat mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika għandha tiġi aċċettata bħala prova tal-ordni, avviż, deċiżjoni jew dokument ieħor, u tal-fatti li jidhru fiha, mingħajr il-ħtieġa ta' ebda prova oħra.